bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Al Sowri Ali Musbah, iben
Musbah, imwieled il-Libja
fit-18 ta’ jannar, 1977

Illum, 5 ta’ awissu, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-3 ta’ awissu, 2002 u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data xjentement għamel użu minn siġilli, timbri jew marki li qegħdin sabiex jisiġilla, jittimbra jew jimmarka, fl-isem tal-Gvern jew ta’ l-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti ta’ proprjeta’ pubblika, jew li jkunu qegħdin taħt il-kustodja pubblika;
2. talli matul dawn l-aħħar ġimgħat mingħajr ma ngħata permess ta’ residenza, niżel l-art jew kien Malta mingħajr permess ta’ l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni;
3. talli fit-3 ta’ awissu, 2002 u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data, dwar xi nformazzjoni li għandha tiġi mogħtija skond jew għal finijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni, ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta’ fatti foloz;
4. talli fit-3 ta’ awissu, 2002 u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data mingħajr awtorita’ leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għal finijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-pieni stabbiliti skond il-liġi tiddikjara lill-imsemmija persuna bħala mmigrant projbit u toħroġ Ordni ta’ Tneħħija kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ awissu, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 172 u 173 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(f), 14 u 32(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Tiddikjara lill-imputat immigrant projbit u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Tneħħija kontra tiegħu minn dawn il-Gżejjer.